MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 655/2004

**Harbour Management Limited (C 29326)**

**vs**

**Dr Beppe Fenech Adami li b'digriet ta' l-24 ta' Marzu, 2005 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lil S. Y. Tethys, bastiment irregistrat il-Germanja, proprjeta' ta' Gunther Klemenz**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Novembru, 2004 fejn tablet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm3,537.81), rapprezentanti 'berthing fees' oltre provista ta' dawl u ilma flimkien ma' VAT fuq l-istess, u dan (a) kwantu ghal Lm0.76 skond fattura datata 14 ta' Marzu 2002; (b) kwantu ghal Lm1.45 skond fattura datata

7 ta’ Mejju, 2002; (c) kwantu ghal Lm0.76 skond fattura datata 5 ta’ Gunju, 2002; (d) kwantu ghal Lm1,076.40 skond fattura datata 7 ta’ Awissu, 2002; (e) kwantu ghal Lm592.02 skond fattura datata 12 ta’ Dicembru, 2002; (f) kwantu ghal Lm592.02 skond fattura datata 8 ta’ Ottubru, 203; (g) kwantu ghal Lm637.20 skond fattura datata 29 ta’ Dicembru, 2003; u (h) kwantu ghal Lm637.20 skond fattura datata 11 ta’ Gunju, 2004 [kopji ta’ l-istess annessi flimkien ma’ prospett relattiv Dok. A sa’ I]

Bl-ispejjez kollha ta’ l-Avviz ghas-smiegh, ta’ l-ittra nterpellatorja ta’ l-14 ta’ Settembru, 2004 [kopja Dok.J annessa] u tal-Mandati ta’ Impediment ta’ Tluq u Qbid pprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh, flimkien ma’ l-imghax mid-dati ta’ hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-Kuratur Deputat fejn eccepixxa:

Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva illi jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun edott mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-Qorti trid toqghod fuq ix-xhieda moghtija minn Pierre Balzan, direttur tas-socjeta’ attrici, peress illi l-Kuratur Deputat ma rnexxilux jikkomunika mar-rapprezentanti jew is-sidien tal-bastiment “Tethys” illi ghalih inghataw is-servizzi mis-socjeta’ attrici. Pierre Balzan xhed illi s-socjeta’ attrici taghat servizzi ta’ rmiggi, kif ukoll ipprovdiet servizzi ancillari bhal dawl u ilma lill-yacht proprjeta’ ta’ Gunther Klemenz. Skond Balzan, dan ta’ l-ahhar kien jghid illi eventwalment kien ser ihallas,

izda dan il-hlas qatt ma sar u ghalhekk kellha tigi istitwita din il-kawza.

Is-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici huma elenkati mill-fatturi esebiti fil-process u l-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala tiddubita minn dawn il-fatturi, li huma dettaljati bizzejjed u konfermati bil-gurament minn Pierre Balzan.

Ghalhekk, il-Qorti ssib illi ghandha tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkondanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa, li jhallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm3,537.81) raprrezentanti berthing fees oltre provista ta' dawl u ilma flimkien ma' VAT fuq l-istess skond fatturi annessi ma' l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------